MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2011

Numru. 942/2008

Il-Pulizija
(Sup Martin Sammut)
vs
Alfred Edward Hughes iben Alfred Edward, imwieled l-Ingilterra fit-3 ta’ Ottubru, 1982, Karta ta’ l-Identita numru 63302L

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat talli f’dawn il-Gżejjer, fil-21 ta’Diċembru, 2006 għal ħabta tas-sagħtejn u għaxra ta’ fil-għodu (0210) ġewwa Triq Sant’ Andrija, Swieqi u/jew fl-inħawi:
1. b’nuqqas ta’ ħsieb, bi traskuraġni jew b’nuqqas ta’ ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b’nuqqas ta’ tħaris tar-regolamenti, waqt li kien qiegħed isuq il-vettura, bin-numrtar-reġistrazzjoni AEH 100, tal-għamla Suzuki, ikkaġuna l-mewt ta’ Richard Godfrey Attard;

2.  saq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni AEH 100 b’manjiera bla kkont, traskurata u perikoluza.
Il-Qorti ġiet mitluba li f’każ ta’ ħtija, tiskwalifika lill-imputat Alfred Edward Hughes milli jkollu jew jottjeni kull liċenzja tas-sewqan skont il-liġi.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-20 ta’ Mejju, 2009 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista’ tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:
a.  fl-artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali;
b.  fl-artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijjiet ta’ Malta; u
c.  fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta’ din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanza oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta’ Ġunju, 2009 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta’ Novembru, 2011 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat
l-artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijjiet ta' Malta u tikkundannah għal piena ta' sentejn priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien erba' snin mil-lum. Minbarra dan, tordna s-sospensjoni ta' kwalunkwe liċenzja tas-sewqan ta' l-imputat għal perjodu ta' sitt xhur mil-lum. Minbarra dan, rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tordna lill-imputat li jħallas is-somma ta' elf tmien mija u sittin euro (€1,860) spejjeż inkorsi fil-ħatra ta' periti jew esperti,

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------